

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > Malta

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Malta

Malta



Din it-taqsimha tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati f'Malta.

Qrati speċjalizzati

Il-Qorti Kostituzzjonali	It-tieni istanza Appell	Din il-qorti tisma' l-appelli rigward kawżi li jinvolvu allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem, interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni u invalidità tal-liġijiet. Hija għandha ukoll ġurisdizzjoni oriġinali biex tiddeċiedi dwar kwistjonijiet marbuta mal-membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti u dwar kwalunkwe rinviu li jsir għal quddiemha rigward il-votazzjoni għall-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti.	Ippreseduta mill-Prim'Imħallef u minn żewġ imħallfin oħrajn
Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili	L-ewwel istanza	Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tittratta wkoll il-kawżi marbuta mal-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali li huma protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Ippreseduta minn imħallef	
Tribunal Industrijali	L-ewwel istanza	Dan it-tribunal jisma' l-kawżi marbuta ma' tkeċċija inġusta u ma' trattament diskriminatorju jew trattament illegali ieħor fil-post tax-xogħol.	Ippresedut minn chairperson
Bord li Jirregola l-Kera	L-ewwel istanza	Il-Bord li Jirregola l-Kera jisma' l-kawżi marbuta ma' bidliet fil-kundizzjonijiet tal-kirjiet, inklużi ż-żidiet fil-ħlas tal-kera u t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-kera. Dawn il-kawżi għandhom ikunu relatati mal-ftehimiet tal-kiri li saru qabel l-1 ta' Ġunju 1995.	Ippresedut minn maġistrat
Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet	L-ewwel istanza	Il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet jisma' l-każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni tal-art esproprjata, l-iskop pubbliku ta' esproprjazzjoni u mal-ammont ta' kumpens dovut lis-sid.	Ippresedut minn maġistrat
Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'	L-ewwel istanza	Dan il-Bord jisma' l-każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kirjiet tar-raba' u mat-talbiet li jagħmlu s-sidien rigward it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-qbiela.	Ippresedut minn maġistrat
Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva	L-ewwel istanza	Dan it-tribunal għandu s-setgħa li jistħarreġ l-atti amministrattivi.	Ippresedut minn imħallef jew minn maġistrat
Tribunal ta' Arbitraġġ dwar il-Qsim ta' Wirt	L-ewwel istanza	Dan it-Tribunal jisma' u jiddeċiedi kawżi marbuta mal-qsim ta' proprjeta miżmuma in komun bejn l-eredi ta' persuna mejta.	Ippresjedut minn arbitru

It-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur	Appell	Dan it-Tribunal jisma' u jaqta' appelli minn deċiżjonijiet, ordnijiet jew miżuri tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur). Id-deċiżjonijiet tat- Tribunal huma finali ħlief għal xi eċċezzjonijiet fejn appell minn deċiżjoni tat-Tribunal hu permess imma limitatament għal punt ta' liġi.	Ippresedut minn Imħallef u żewġ membri
Qorti ta' Reviżjoni tal- Atti Nutarili	L-ewwel istanza	Din hi qorti speċjali li tissorvelja fuq in-Nutara kollha, l-Arkivji Nutarili u r-Reġistru Pubbliku. Għandha l- awtorità li żżur u tispezzjona l-Arkivji Nutarili, r- Reġistru Pubbliku u uffiċċji tan-nutara kif ukoll li tapplika pieni dixxiplinari. Din il-Qorti għandha ukoll is-setgħa li tordna korrezzjonijiet ta' indikazzjonijiet żbaljati f'reġistrazzjonijiet fir-Reġistru Pubbliku.	Komposta minn membri msejja Viżitaturi

Qrati amministrattivi

L-istħarriġ ġudizzjarju huwa l-proċess li permezz tiegħu deċiżjoni ta' dipartiment, awtorità jew aġenzija tal-gvern tista' tiġi mistħarrġa u fl-aħħar mill-aħħar irrevokata mill-qrati jekk jinsab li tkun illegali.

L-azzjoni hija disponibbli għal kull min ikollu xi lment rigward deċiżjoni jew azzjoni tal-gvern li tikkonċernah. L-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa l-artikolu operattiv tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti tali setgħa lill-qrati. Madankollu anki fin-nuqqas ta' din id-dispożizzjoni leġislattiva, l-istħarriġ ġudizzjarju jista' jitqies bħala setgħa inerenti tal-qrati fuq il-bażi tad-duttrina tas-separazzjoni tal-poteri li ġeneralment jadottaw l-Istati demokratiċi.

Il-qrati ordinarji – jiġifieri l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – għandhom ġurisdizzjoni f'dawn il-kwistjonijiet, bid-dritt li jappellaw quddiem il-Qorti tal-Appell.

L-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009 u jipprovdni għat-twaqqif tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Dan it-tribunal indipendenti u imparzjali jirriverdi l-atti amministrattivi rinviati għal quddiemu minn kwalunkwe persuna li jkollha lment u jagħti wkoll deċiżjonijiet dwar it-tilwim li jiġi rinviat quddiemu. Huwa ppresedut minn persuna li hija, jew kienet, imħallef jew maġistrat f'Malta. L-appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal jista' jsir lill-Qorti tal-Appell.

Qrati speċjali oħra

It-tribunali lokali

It-tribunali lokali huma parti integrali mis-sistema ġudizzjali f'Malta. Dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala estensjoni tal-qrati, u jittrattaw ir-reati li, għalkemm ikunu trivjali, jistgħu jagħtu fastidju kbir lill-pubbliku ġenerali. It-tribunali lokali huma ppreseduti minn Kummissarju għall-Ġustizzja li jinħatar għal sentejn u jitneħħa mill-kariga bl-istess mod u għall-istess raġunijiet kif maġistrat jista' jitneħħa mill-kariga. Dan jiggarantixxi li kull ċittadin jingħata l-possibiltà li jsemma' l-ilmenti speċifiċi li jkollu filwaqt li jkun żgurat li jiġu rispettati l-prinċipji fundamentali ta' smiġħ xieraq. Hemm disa' tribunali lokali li jiggruppaw diversi kunsilli lokali flimkien.

Bażijiet tad-dejta legali

Jekk jogħġbok irreferi għall-paġna Maltija "Organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri – Malta" fejn għandek issib informazzjoni dettaljata dwar u *links* għall-bażijiet tad-dejta rilevanti.

Links relatati

[Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali](#)

[Servizzi tal-Qorti](#)

[Servizzi tal-Qorti - Sentenzi Online](#)

[Servizzi tal-Qorti - Proċeduri tal-Qorti](#)

[Servizzi tal-Qorti - Użu tal-Awli](#)

[Servizzi tal-Qorti - Statistika](#)

[Servizzi tal-Qorti - Bejgħ b'subbasti](#)

[Servizzi tal-Qorti - Formoli Ċivili \(bil-Malti\)](#)

[Servizzi Legali \(Liġijiet ta' Malta\)](#)

■ L-aħħar aġġornament: 04/05/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.